MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1819/2004

**Tonio Edwards ID No. 97358 M**

**Vs**

**Joseph Calleja ID No. 789334 M**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) rapprezentanti danni subiti mill-attur f'kollizjoni li sehhet fit-28 ta' Mejju, 2004 bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DUN 531 misjuqa minn ibnu Duncan Edwards u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAB 938 misjuqa mill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li t-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident *de quo* sehh minghajr htija tieghu izda sehh unikament

b'negligenza, mperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ta' Duncan Edwards.

Sema' x-xhieda ta' Tonio Edwards, Warden 242 Mariella Micallef, Duncan Edwards, Lara Edwards u Joseph Calleja.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Louis Bianchi ghall-attur u Dr Ramona Frendo ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Duncan Edwards kien qed isuq karozza DUN 531 fi Triq Censu Barbara, San Gwann mentri l-konvenut kien qieghed isuq karozza FAB 938 fi Triq il-Kapuccini bl-intenzjoni li jidhol gewwa Triq Censu Barbara.

Fil-post fejn gara l-incident hemm T-junction bi Triq il-Kapuccini rapprezentanti l-parti d-dritta tat-T. Fit-tarf ta' Triq Censu Barbara hemm *stop sign*.

Jirrizulta mill-provi wkoll illi l-kollizjoni saret hekk kif il-vettura ta' l-attur kienet sejra tohrog ghal Triq il-Kapuccini mentri l-vettura tal-konvenut kienet diehla go Triq Censu Barbara izda l-kollizjoni saret 'il gewwa mill-i*stop sign*.

Jirrizulta wkoll illi Duncan Edwards kien miexi bil-mod hafna qabel l-incident u kien appik se jieqaf ghax kien hemm *stop sign* biex imbaghad jaqbad it-triq l-ohra. Huwa zied jghid li x'hin saret il-kollizjoni kien wieqaf ghal kollox.

Joseph Calleja xehed illi hekk kif kiser ghal gewwa Triq Censu Barbara grat il-kollizjoni u fil-fatt anki jsostni li l-vettura l-ohra mbuttatu lura.

Illi fl-inkrocju in materja, l-konvenut kellu r-*right of way* tant illi fil-Highway Code l-Artikolu 214 jghid hekk:

"At the intersection or junction of roads of equivalent traffic importance, where vehicles approach the intersection or point of junction simultaneously priority should, unless otherwise indicated, be accorded to vehicles on the right. However, at T-junctions, the through road has priority over the branch road."

Huwa evidenti mill-premess illi l-konvenut li kien qieghed fil-parti d-dritta tat-T kellu priorita' fuq it-traffiku li kien behsiebu johrog mis-*side road*. Inoltre, hemm *stop sign* fix-xifer tas-*side road* li jenfasizza din il-priorita'. B'danakollu, nonostante li l-konvenut kellu r-*right of way* ma jfissirx li huwa jista' jaqbad u jidhol gos-*side road* minghajr ma jaghti kaz x'hemm quddiemu. It-traffiku fil-*main road* xorta huwa obbligat li jzomm *a proper lookout* u jesplora sew qabel ma jintenta kwalsijasi manuvra.

Da parti tieghu Duncan Edwards kien obbligat illi qabel ma johrog fuq il-*main road* jieqaf u qabel ma jintenta li johrog, jesplora sew it-triq. L-incident sar qabel ma Duncan Edwards waqaf fejn l-i*stop sign*. Jirrizulta wkoll illi fi Triq Censu Barbara kien hemm traffiku pparkjat fiz-zewg nahat tat-triq u ghalhekk Duncan Edwards bilfors kellu jsuq *on the crown of the road*.

Tenut kont il-premess, it-Tribunal ghalhekk irid jistabbilixxi x'kienet il-kawza prossima tal-kollizjoni in kwistjoni.

It-Tribunal jidhirlu illi fic-cirkostanzi tal-kaz, huwa evidenti illi Duncan Edwards ma setax jaghmel wisq biex jevita l-kollizjoni u kif kienu l-affarijiet ma seta' jaghmel xejn iehor hlief isuq kif fil-fatt kien qieghed isuq. Huwa kien miexi bil-mod. Kien riesaq lejn l-i*stop sign* bl-intenzjoni li jieqaf qabel ma johrog fuq il-*main road* u jivverifika jekk jistax johrog, izda l-kollizjoni sehhet gewwa s-*side road* qabel ma kien wasal hdejn l-i*stop sign*.

Da parti tieghu l-konvenut kien obbligat biex qabel ma jidhol gewwa s-*side road* jaccerta ruhu li effettivament din kienet *clear*. Huwa minnu li hu kellu r-*right of way* izda huwa ma jistax jabbuza minn din ir-*right of way* billi jippretendi illi t-traffiku gja' ezistenti jtir min-nofs halli jkun

jista' jghaddi hu. Huwa dejjem possibbli anzi probabbli illi f'toroq gewwa villagg bhalma huwa San Gwann ikun hemm traffiku gej u sejjer il-hin kollu u ghalhekk kien ragunevoli li l-konvenut jistenna li se tohrog xi karozza minn Triq Censu Barbara. Huwa evidenti li, bil-mod kif il-konvenut dahal go Triq Censu Barbara minn Triq il-Kapuccini, li huwa ma vverifikax li seta' jidhol f'din is-*side road* minghajr xkiel. Din it-triq hija *two way* u hija dejqa u ghalhekk seta' jipprevedi li kien hemm traffiku se johrog. Huwa lahaq dahal certu ammont ta' distanza tant li l-kollizjoni sehhet 'il gewwa mill-i*stop sign* u konsegwentement it-Tribunal jidhirlu li l-kawza prossima tal-kollizjoni hija s-sewqan imprudenti tal-konvenut li nonostante li kellu r-*right of way*, kien qed jabbuza minnha. Certament ma kienx qed izomm *a proper lookout.*

Ghar-rigward tal-*quantum* ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) bl-interessi u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------